MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 627/2007

**Sterling Security Co. Ltd (C 14925)**

**vs**

**Kunsill Malti Ghall-iSport**

**It-Tribunal,**

**Ra** li s-socjeta’ attrici fit-TALBA taghha qed titlob li l-enti konvenuta thallasha LM564.36 ekwivalenti ghal elf, tlett mija u erbatax-il Ewro u sittin centezmi (€1,314.60c) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ghal servizzi resi lilha *ai termini* tas-sejha ghall-offerti ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern nhar it-Tlieta 22 ta’ Novembru 2005.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet.

**Ra** li bhala RISPOSTA nsibu hekk:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra s-socjeta attrici ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta attrici ma huwiex dovut stante li s-servizz prestat mis-socjeta’ attrici ma nghatax skond it-termini tal-ftehim ta’ bejn l-istess socjeta’ attrici u l-Kunsill Malti ghall-iSport.

2. Illi skond ftehim bejn is-socjeta’ attrici u l-Kunsill Malti ghall-iSport, il-gwardjani mibghuta mis-socjeta’ attrici kellhom jippancjaw, skond fejn ikunu qeghdin jipprovdu s-servizz, jew fil-*punch clock facility* tan-National Pool complex hekk kif jidhlu u hekk kif johorgu, jew kull siegha f’numru ta’ postijiet indikati bhala parti mill-*monitoring system* tal-Cottonera Sports Complex, u dan kemm sabiex jassigura li r-rondi ikunu qeghdin effettivament isiru skond kif rikjesti mir-rappresentanti tal-Kunsill Malti ghall-iSport kif ukoll sabiex ikun hemm sistema ta’ verifika ai fini ta’ hlas ghas-servizz.

3. Illi rrizulta li l-gwardjani mibghuta naqsu li jippancjaw skond it-termini tal-ftehim u gie ridott mill-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici l-ammont relattiv ghal dawn ir-rondi li ma jirrizultawx fir-*records* relattivi tal-*monitoring system* tal-Cottonera Sports Complex u tal-*punch clock facility* tan-National Pool complex, hekk kif jirrizulta mill-minuti tal-laqgha li saret bejn ir-rapprezentanti tal-Kunsill Malti ghall-iSport u r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici Noel Schembri fl-1 ta’ Dicembru 2006 (Dok KMS1)

4. Salv eccezzjonijiet ohra pemessi bil-Ligi.

**Ra** li l-PROVI huma hekk:-

A1 **Noel Schembri**, amministratur tal-kumpanija attrici qal li fis-sena 2006 hadu kuntratt ta’ provvista ta’ servizz ta’ sikurta’ skond tender tal-2005 (Dok NS1 *a fol 18 et seq*). Bdew fl-1 ta’ Marzu 2006, b’*ninety days credit*. Innota li l-Kunsill kien qed ihallas inqas mill-*invoices* u d-

Dokumenti esebiti juru x'kellhom jithallsu u attwalment xi thallsu mnejn jirrizulta l-ammont dovut u mitlub fil-kawza.

2 Hu staqsa dwar din id-differenza u l-ispjegazzjoni li tawh kienet li rriferew ghan-nuqqas ta' *punching* da parti tas-*security guard*. Zied li "fil-ftehim ma kienx hemm miktub illi jrid jippancja kull siegha u jiena oggezzjonajt f'dan is-sens"

3 Saret laqgha fl-1 ta' Dicembru 2006 u hu qajjem l-oggezzjoni tieghu. Thallsu min dak li kien ghadu dovut ghal Lulju u Awwissu u baqa wkoll ghax-xhur minn Settembru 'l quddiem.

4 Fit-tender ta' **wara** ghamlu kkawsola gdida fejn specifikaw li jhallsu skond rapport li johorgu mis-sistemi taghhom biex b'hekk ikunu jafu li s-*security guard* ikun ippancja fl-arloggi taghhom (ara *fol 55* tad-Dok NS5 – Nota tat-Tribunal)

5 Donnu l-Kunsill jippretendi li ma jhallasx, f'nuqqas ta' pancjar, anke jekk il-*guard* ikun hemm. Minkejja mhux obligat l-*guard* kien xorta jippancja. Id-diskrepanza hi spjegata ghax kien hemm xi arloggi ma jahdmux. Il-Kunsill kien ammetta li kien hemm kazi ta' *system failure.* Huma ma kellhomx access ghall-*punching cards* u ma setghux jivverifikaw. Hu kkonferma li l-*guards* kienu prezenti fir-rigward ta' dak l-ammont mitlub.

B1 **Anthony Camilleri,** *contracts manager* tas-socjeta' attrici, qal li meta bdew jircievi l-pagamenti beda jinnota d-diskrepanzi fis-sieghat bejn dak mitlub u dak imhallas. Cempel lil Mr Sinclair Cassar tal-Kunsill u ltaqghu fit-30 ta' Jannar 2007 u kien prezenti Paul Axisa, *security guard* li kien attwalment jaghmel ix-xoghol. Sar jaf li l-Kunsill kien qed joggezzjona ghax kien hemm xi pancjaturi ma sarux pero l-*guard* xorta kien hemm jaghmel xoghlu.

2 Spjega hekk:

Is-*security guard* kellhom *instructions* illi meta jkun hemm programmi tat-television li qed jigu rrekordjati hemmhekk, li meta jispicca l-programm ma jiccaqalqux mir-reception u dan billi fir-reception ikun hemm ic-cwievet tal-kumpless. Dan ifisser illi waqt illi qed isir il-programm u sakemm jitilqu n-nies is-security guard ma jkunx jista' jaghmel ir-ronda, ikollu joqghod fir-reception u mbaghad ir-ronda jaghmilha aktar tard u fil-fatt dan id-diskors gie spjegat lis-Sur Cassar f'din il-laqgha li semmejt.

C1 **<u>Paul Axisa</u>**, *security guard* kien jaghmel ir-ronda fil-kumpless tal-Cottonera fejn hemm 8 *check clocks* u fir-ronda trid iddurhom u tippancjhom kollha. Spjega li meta kien hemm xi programm (u ta'l-ezempju ta' *recording* minn Claudette Pace, *kickboxing* u delizzju tal-klieb) kellu jibqa fir-*Reception* u l-pancjar kien jinqabez. Anke dment li n-nies jibqghu jitlajjaw fil-*precints* tal-post.

2 Dan kienu jaghmluh fuq struzzjonijiet ta' Sinclair Cassar. Kien prezenti fil-laqgha bejn dan u Ant. Camilleri u ta l-ispjegazzjoni msemmija u s-Sur Cassar tahom l-impressjoni li kien soddisfatt. Kien dan stess li gibed l-attenzjoni dwar nuqqas ta' pancjaturi u tal-Finanzi ghamlu t-tnaqqis *pro rata*. Qal li dan kien skond kif provdut taht "Attitudni" fil-kuntratt (fejn hemm fil-1.4b *a fol 22*, li trid issir ir-ronda – NOTA tat-TRIBUNAL).

3 Ri-ezaminat, ix-xhud qal li huma kienu jaghmlu notamenti fuq il-*log book* tal-kumpanija li kellu jkun spezzjonat mill-Kunsill kull filghodu u hawn hu qatt ma ra xi osservazzjoni bl-ahmar mill-Kunsill. Nuqqas ta' pancjaturi (anke minhabba x-xita jew xi attivita' li ga semma) kienet titnizzel bir-raguni relattiva. Il-Log Book kien jithalla fuq id-desk tal-Kunsill. Kellhom diffikulta billi l-*punch clocks* kienu filgholi u s-Sur Cassar, fil-laqgha msemmija qalilhom li kien ser jipprova jbaxxihom. Kien hemm zmien meta s-sistema tal-pancjar ma kienetx qed tahdem, pero ma setax jaghti dettalji.

D1 **<u>Sinclair Cassar</u>** rrifera ghall-klawsola 1.4b u c tal-Kuntratt (Dok NS 1). Dawn isemmu rispettivament r-ronda u x-xoghol skond l-istruzzjonijiet li jati f'lista il-

“Facility Manager”.  Qabel li fit-tender ta’ wara l-kliem kien differenti.  Il-hlas kellu jsir bit-tliet xhur b’lura u fit-tender ta wara kemm specifikat li l-hlas isir wara li johrog rapport dwar ir-ronda.  Meta kellha t-tender is-socjeta’ attrici il-“Facility Manager” kien Stephen Mercieca u mhux hu.

2 Dwar hrug ta’ *instructions list,* kienu ltaqgu is-CEO Joe Cassar, id-direttur responsabbli Euchar Camilleri u Mercieca u hareg *internal memo* (fol 83-84 bil-firma ta’ Stephen Mercieca, datat 24.02.06).

3 Huma naqqsu mill-hlas mitlub ghax sabu pancjaturi nieqsa u l-Finanzi jnaqqsu siegha ghal kull nuqqas.  Mistoqsi mnejn johrog id-dritt tat-tnaqqis imsemmi wiegeb “mill-ftehim hemm l-obbligu illi huma jduru siegha siegha”.  Skond l-*internal memo* imsemmi: <u>Dan it-tnaqqis ma johrogx mill-ftehim mas-socjeta’ attrici ghalkemm hemm miktub hekk fit-tender ta’ wara.</u> (enfasi tat-TRIBUNAL)

4 Hu ma qabbilx in-notamenti tal-*log book* man-nuqqas ta’ pancjaturi ghalkemm il-*log book* kien jarah. Huma hadu nota tal-ispjegazzjonijiet tas-socjeta’ attrici dwar nuqqas ta’ pancjaturi u ghamlu xi aggustamenti. F’Awwissu s-socjeta’ attrici lmentaw li s-sistema ma kienetx qed tahdem sew u tawhom il-*benefit of the doubt.* Anke ghal uhud f’Settembru, Ottubru u Novembru.  Hu ghamel, fir-rigward, referenza ghal indikazzjonijiet minnu murija fid-Dok SC.  Hu kompla ta dettalji fir-rigward u dwar dan issir riferenza ghax xhieda tieghu fejn ta’ dettalji ta’ attivitajiet fil-Complex li kienu jimpenjaw ukoll lis-*Security Guard.*

**KONSIDERAZZJONIJIET**

It-TRIBUNAL jikkunsidra hekk wara li qies il-provi migjuba u s-sottomissjonijiet tad-difesnsuri:-

1. Fl-ewwel lok josserva li minn naha tas-socjeta’ attrici ingiebu bhala xhieda l-persuni direttament involuti.  Minn naha tal-enti konvenuta, ghal raguni li ma tirrizultax mill-atti ma ngiebx jixhed il-“Facility Manager” ta’ zmien il-

thaddim tat-tender tas-socjeta' attrici, Stephen Mercieca (li ffirma l-*internal memo*) izda xehed Sinclair Cassar, il-Manager li ssuccedieh.

2. Sinclair Cassar sata jixhed biss fuq dak li jirrizulta mid-dokumenti tal-enti tieghu mentri Mercieca kien ikun f'qaghda li jwiegeb anke ghal dak li sata rrizulta lil hinn minn dak miktub, dak rekordjat. Il-fatt li Mercieca ma kienx baqa mpjegat mal-enti konvenuta ma kienx ostaklu biex jingieb bhala xhud.

3. Wiehed iqis li l-prezenza fil-Facilita' ta' pancjar (fi stabbiliment ta' xoghol), ma tkunx tqeghdet ghal xejn u hu minn awl-id-dinja li dawn ikollhom skop ta' kontroll legittmu minn naha tas-sid. Izda hawn ta' min jinnota li waqt li fit-tender li rregola l-ftehim mal-enti konvenuta tissemma ronda izda ma tissemmiex pancjar kull siegha, fit-tender ta' wara dan jissemma specifikatament. Veru li fl-*internal memo* li sar fi zmien Mercieca ssemma l-pancjar izda differenza jrid ikun hemm bejn tender li jiffissa certu obligu u tender li ma jiffissax dan l-obligu.

4. Hawn naslu ghal zewg kunsiderazzjonijiet li t-TRIBUNAL ihoss li huma mportantissmi:

A (i) Ma jirrizultax in-nuqqas ta' pancjar ghal x'hiex kellu jwassal inezorabilment u

(ii) Ma jirrizultax li nuqqas ta' pancjar kellu jfisser siegha mhux mahduma u allura siegha inqas ta' hlas. Is-socjeta' atrici semplicement giet rinfaccjati b'*fait accompli*.

(iii) Ma rrizluta minn imkien li kien hemm xi assenza minn fuq il-post tax-xoghol ta' xi *security guard* u anqas irrizulta xi nuqqas fil-kumpless li jipprova jew inqar igieghlek tistaqsi "fejn kien is-security guard?"

B (i) Irrizulta ampjament li waqt il-hinijiet li fihom kien ikun prezenti s-*security guard* dan spiss kien isib ruhu f'sitwazzjoni li ma kellux biss ihares post vojt u ambjenti vojta izda kien ikun hemm okkazjonijiet fejn fil-Complex kien ikun hemm attivitajiet li jghieglu lill-*guard* jaghmilha

ta’ Receptionist u ndukratur f’sens wiesgha. F’dawn ic-cirkostanzi l-*guard* kien, kif mistenni minnu jabbanduna l-pancjar. Anke meta jitbattal il-Complex imma jibqghu nies jitlajjaw fil-“parking area” ecc.

(ii) Irrizulta wkoll li s-sistema giet li falliet u l-enti konvenuta tat il-*benefit of the doubt* lis-socjeta’ attrici izda dan juri li mhux ghalkemm tasserixxi li gie notat kull *failure*.

C (i) Fuq kollox hemm ix-xiehda mressqa mis-socjeta’ attrici, xiehda <u>direttament involuti</u> u li t-TRIBUNAL iqis affidabbli. Dawn enfasizzaw li s-sieghat ta xoghol mitluba tassew inhadmu, anke fejn dan ma jikkonbacjax mal-pancjar.

(ii) Kien jigi notat kulma jitnizzel fil-*log book* tas-socjeta’ attrici li kien a dispozizzjoni tal-enti konvenuta. Ma jirrizultax li ngibdet l-attenzjoni tas-socjeta’ attrici tempestivament. Ma jirrizultax li din l-enti konvenuta qatt ghamlet xi zjara ta’ sorpriza (imqar darba!) u ma sabitx il-*guard* fil-post.

5. Meta jqis kollox it-TRIBUNAL ihoss u jiddeciedi, b’konvinzjoni, li t-talba attrici hi gustifikata.

DECIZJONI

It-TRIBUNAL jiddeciedi billi (a) jichad l-eccezzjonijiet kontenuti fir-RISPOSTA tal-enti konvenuta (b) jaccetta t-TALBA attrici (c) jikkundanna lill-enti konvenuta biex thallas lis-socjeta attrici l-*quantum* ta’ LM564.36 issa elf, tlett mija u erbatax-il Ewro sittin centezmi (€1,314.60c) u dana bl-imghax mid-29 ta’ Awwissu 2007 sal-jum tal-pagament effettiv u (d) bl-ispejjes tal-kawza jithallsu mill-enti konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------